Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 19/2015

**Mario Farrugia**

**Vs**

**Creations, The Ultimate in Bathroom Elegance Ltd**

4 ta' Ġunju, 2018.

1. B' avviż preżentat fit-3 ta' Lulju, 2013 l-attur talab lit-Tribunal għal Tabiet tal-Konsumaturi sabiex jikkundanna lill-konvenuta tħallsu s-somma ta' elf u sebgħa u sebgħin ewro (€1,077) li hu parti mill-prezz ta' konsenja madum, li ħallas lis-soċjeta' konvenuta. L-attur iddikjara li m'huwiex sodisfatt bil-madum, minħabba li fih difett ('ħafna ħanek'). Għalhekk ippropona din il-kawża sabiex jieħu lura l-flus li ħallas u l-konvenuta tieħu lura l-madum li ġie kkonsenjat.

2. Il-konvenuta kkontestat il-pretensjoni tal-attur billi ssostni li l-madum m' huwiex difettuż.

3. B' sentenza tad-29 ta' Ottubru, 2015 it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur laqa' t-talba tal-attur u kkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallsu s-somma ta' elf u sebgħa u sebgħin ewro (€1,077).

4. Is-soċjeta' konvenuta appellat minn dik is-sentenza abbażi tas-segwenti aggravji:-

   i. L-Avviż ta' Talba kien indirizzat lil Johann Camilleri – Creations u mhux lil Creations, The Ultimate in Bathroom Elegance Ltd li hi entità separata. Il-kawża nstemgħet fil-konfront ta' Johann Camilleri li m'għandux relazzjoni ġuridika mal-attur. Fatt li ġie njorat mit-Tribunal peress li fis-sentenza l-okkju nbidel minn Mario Farrugia vs

Johann Camilleri-Creations għal Mario Farrugia vs Creations, The Ultimate in Bathroom Elegance Ltd;

ii. It-Tribunal mar kontra d-dettami tal-ġustizzja naturali u ppreġudika b' mod gravi, reali u materjali l-jeddijiet tal-appellant in kwantu ta' piż fuq fatti totalment skorretti. Fid-deċiżjoni t-Tribunal qal:

> *"Illi fil-meritu, jingħad mal-ewwel li l-madum imqiegħed u jekk dan sarx sew jew le, hi materja teknika u kien għalhekk li tqabbad l-espert il-Perit Arkitett Carmel Cacopardo għal dan il-għan".*

It-Tribunal kien żbaljat meta qal li l-madum tpoġġa fil-post, meta mill-provi rriżulta li ma kienx. Dan m' huwiex każ ta' madum difettuż iżda ta' madum li kien tpoġġa (fil-każ ta' Darren Farrugia et[1]) mhux skont is-sengħa u l-arti. Dan kif ġie kkonfermat mill-perit tekniku nkarigat mit-Tribunal. It-Tribunal ma seta' qatt jiddeċiedi li l-madum hu difettuż meta għadhom lanqas ma nfetħu l-kaxxi. L-oneru tal-prova kien fuq l-attur, u ma ppreżentax provi konkreti sabiex juru illi dak li qiegħed jallega hu minnu.

5. L-appellat wieġeb:

i. Peress li l-ammont mitlub ma jaqbiżx is-somma ta' €1,200 l-appell jista' jsir biss fil-każijiet kontemplati fl-artikolu 22 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378). Fil-każ in eżami m' hemmx iċ-ċirkostanzi kontemplati mil-liġi sabiex ikun jista' jsir appell mis-sentenza tat-Tribunal;

ii. Wieħed ma jistax iħallat l-apprezzament skorrett tal-provi mad-dettami tal-ġustizzja naturali. Il-prinċipji tal-ġustizzja naturali huma differenti u m' hemmx bżonn li l-appellat jidħol f' tali prinċipji;

iii. F'kull każ din il-qorti m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel qorti, mingħajr raġuni gravi. Fil-każ in eżami m'hemm l-ebda raġuni għalfejn din il-qorti għandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi magħmula mit-Tribunal;

6. Permezz ta' deċiżjoni parzjali mogħtija fit-28 t' April 2017, din il-Qorti ddeċidiet illi:

[1] Ara ***Darren Farrugia et vs Creations, The Ultimate in Bathroom Elegance Ltd*** (21/2015).

*'6. L-ewwel aggravju hu fieragħ. Fis-seduta tat-12 ta' Settembru, 2013 intqal:*

*"Il-partijiet jaqblu illi l-isem l-intimat għandu jaqra Creations The Ultimate in Bathroom Elegance Ltd u t-Tribunal jordna l-korrezzjoni fl-okkju u fl-atti kollha tal-każ. Il-partijiet jagħtu ruħhom notifikat b' din il-bidla".*

*Kull kumment ieħor ikun superfluwu.*

*7. It-Tribunal ibbaża d-deċiżjoni fuq ir-rapport li ħejja l-perit Carmel Cacopardo. Kien fis-seduta tat-12 a' Settembru, 2013 li t-Tribunal innomina lill-perit Cacopardo bħala perit ġudizzjarju sabiex "jeżamina x-xogħol in kwistjoni inkluż il-madum li ntuża fil-fond tar-rikorrenti" ...*

*8. Ladarba l-ammont pretż hu nqas minn €1,200, l-appell irid ikun jitratta wieħed mill-materji li jissemmew fl-artikolu 22 tal-Kap. 378. L-appellanti għamlet riferenza għal paragrafu (ċ) li jipprovdi:*

*"(ċ) meta t-tribunal ikun mar kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella".*

*...*

*12. F'dan il-każ it-Tribunal ibbaża d-deċiżjoni fuq ir-rapport tal-perit tekniku biss, li peró fir-rapport u meta xehed* ***iddikjara li ma kienx f' posizzjoni jiddikjara jekk il-madum kienx difettuż****. Għalhekk a bażi ta' dak ir-rapport it-Tribunal ma setax jilqa' t-talba tal-attur, liema talba kienet bażata fuq l-ilment li l-madum hu difettuż. Għadaqstant l-aggravju tal-kumpannija konvenuta hu ġustifikat u meqjus il-ġurisprudenza fuq imsemmi, jaqa' taħt paragrafu (ċ) ta' subinċiż 2 tal-artikolu 22 tal-Kap. 378.*

*13. Għalkemm fit-tweġiba l-attur għamel riferenza għar-rapport tal-perit David Psaila (datat 17 ta' Mejju, 2013), fil-motivazzjoni tas-sentenza m'hemmx riferenza għalih. Dan apparti li l-konvenuta ppreżentat rapport tal-perit Darren Sciberras li fih opinjoni dijametrikament opposta għal dik li esprima l-perit Psaila.*

*14. Il-fatt li l-konvenuta qegħda tingħata raġun fl-ilment tagħha li s-sentenza tat-Tribunal hi bażata fuq rapport tal-perit tekniku li ma qalx li l-madum hu difettuż, ma jfissirx li fil-meritu għandha raġun. Din hi materja li għad trid tiġi deċiża minn din il-qorti (ara artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur). L-appellanti għamlet riferenza għal fatt li l-perit tekniku rrelata li l-madum "ma tqegħidx sew" u li din kienet ir-raġuni għalfejn inqalgħet il-kwistjoni. Hu minnu li l-perit tekniku qal hekk, pero':*

*i. Fil-każ tal-attur, il-madum ma twaħħalx mal-art;*
*ii. Il-perit tekniku m' esprima l-ebda opinjoni dwar jekk il-madum huwiex difettuż.*

*iii. Il-fatt li l-perit tekniku rrelata li l-madum "ma tqegħidx sew", m'hijiex xi ċertifikat li l-madum m' huwiex difettuż. Fil-fatt kien il-perit tekniku stess li fir-rapport qal,* ***"… huwa neċessarju li tkun eżaminata iktar fil-fond l-issue tal-kwalita".***

***Għal dawn il-motivi:***

***1. Tiċħad l-ewwel aggravju tal-appell bl-ispejjeż kontra l-appellanti.***
***2. Tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-appellat.***
***3. Tilqa' l-appell sa fejn hu kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tħassar is-sentenza tad-29 ta' Ottubru, 2015. Tordna li a tenur tal-artikolu 22(4) tal-Kap. 378 il-każ jibqa' jinstema' u jiġi deċiż minn din il-qorti.***

***Spejjez taż-żewġ istanzi a karigu tal-attur.'***

7. Permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Ġunju 2017 din il-Qorti innominat lill-perit Elena Borg Costanzi sabiex wara li tieħu ħsieb li jsiru dawk it-testijiet tekniċi li hemm bżonn fuq il-madum oġġett tal-kawża, tirrelata bil-miktub dwar jekk il-madum li xtraw l-atturi mingħand is-soċjetà konvenuta huwiex difettuż u f'każ li jirriżulta tali, tispjega x' ihnu d-difett.

8. Fl-1 ta' Diċembru 2017 l-perit Elena Borg Costanzi kkonfermat bil-ġurament ir-rapport minnha mħejji u wieġbet għad-domandi in eskussjoni li sarula mill-attur permezz ta' nota preżentata fit-23 ta' Jannar 2018.

**<u>Ikkunsidrat</u>:**

9. Mill-inkartament jirriżulta s-segwenti:

- l-attur għoġbitu maduma '*Travertino Bianco'* tas-soċjetà konvenuta, li kien ra meta ibnu Josef Farrugia ħa kampjun id-dar;

- skont id-direttur tas-soċjetà konvenuta, il-kampjun tal-madum li ħa Josef Farrugia dam fil-pussess tiegħu mit-12 ta' Novembru 2012 sa meta rritornah fid-29 ta' April 2013;

- fl-affidvit tiegħu l-attur xehed li t-tifel tiegħu Josef spjegalu li s-*salesgirl* li qdietu, ċertu Marita Cortis, kienet qaltlu li din il-maduma hija ta' prima kwalità, gress, *rectified* u *highly polished,* ossija madum bil-karatteristiċi li huwa kien qiegħed ifittex;

- dan ikkonfermawh kemm Josef Farrugia kif ukoll l-għarusa tiegħu Antonella Spiteri;

- fit-18 ta' Diċembru 2012 l-attur ħallas depożitu ta' €1,077 rappreżentanti 50% tal-prezz finali;

- it-tfal tiegħu, Josef u Darren Farrugia, li għandhom appartament kull wieħed fl-istess binja, ordnaw l-istess madum iżda kulħadd ħallas permezz ta' *invoice* separata;

- l-attur kien ordna l-madum *supply only.* Il-konvenuta wieġbet li huwa rrifjuta s-servizz ta' *installation* mit-*tile layers* ta' esperjenza pprovduti minnha. Dan ikkonfermah ukoll Johann Camilleri in kontro-eżami fejn tenna li kien offra servizz ta' *tile laying* lil Mario u Josef Farrugia u kienu rrifjutaw u għażlu li jqabbdu *tile layer* tagħhom. Lil Darren Farrugia m' offrielux dan is-servizz peress li kien mar ġurnata oħra u ma kienx talbu servizz ta' *tile layer.* Madanakollu, fl-affidavit tiegħu, l-attur saħaq li ħadd mill-ħanut tas-soċjetà appellata qatt ma kellmu fuq servizzi ta' installazzjoni ta' madum u lanqas ma ħadd kellmu jew spjegalu kif u b' liema mod kellu jitwaħħal il-madum in kwistjoni kif allegat mill-konvenuta;

- fid-9 t'April 2013 saritilhom il-konsenja tal-imsemmi madum;

- it-*tile layer* ingaġġat mill-attur u mill-imsemmija uliedu, Johnny Zahra, beda bit-tqegħid tal-madum tal-appartament fl-ewwel sular, ossija dak ta' Darren Farrugia iżda kif beda jħalleb bil-*grouting* innutaw '*ħafna ħanek'* u '*il-wiċċ tal-madum ma kienx lixx anzi mmewweġ'* li skont l-attur kien minħabba difett fil-madum. In kontro-eżami Darren Farrugia kkonferma li '*kien Johnny Zahra li kien qalilna illi kien hemm problema fil-madum u jiena flimkien ma' missieri u ħija ikkonfermajna li kien hemm xfar f'diversi madum imqiegħed. Ngħid illi t-tile layer kien kważi spiċċa l-appartament tiegħi meta ġibidli l-attenzjoni dwar dan';*

- sussegwentement Darren u Josef Farrugia ilmentaw mal-konvenuta. Johann Camilleri, diriġent tas-soċjetà konvenuta, kien mar fuq il-post jispezzjona l-madum iżda ma waslu għall-ebda konklużjoni. L-attur, li ma kienx preżenti dakinhar, reġa' sejjaħ lill-Johann Camilleri fuq il-post u ltaqgħu darb'oħra fit-22 t'April 2013. L-attur xehed li f'dik l-okkażjoni, Johann Camilleri spjegalu għall-ewwel darba li l-madum huwa '*lappato'* li jfisser li l-madum huwa mgħawweġ minnu u li m'huwiex *highly*

*polished* u allega li kien sar xogħol ħażin mit-*tile layer* u minn Rupert Fenech li kien għamel is-sodda tal-konkos ta' taħt il-madum;

- effettivament in kontro-eżami Johann Camilleri tenna li f' dik l-okkażjoni kien ra li l-madum ma kienx difettuż iżda kien mqiegħed ħażin. Qal li '*s-sodda tal-konkos ma kenitx sew minħabba li l-konkos ma kienx dritt u mhux invellat.*' Madanakollu, Darren Farrugia in kontro-eżami xehed li qala' l-madum li xtara mingħand is-soċjetà konvenuta u qiegħed madum ieħor fuq l-istess konkos bla problemi ta' xejn. Dan ikkonfermah Johnny Zahra in kontro-eżami;

- fl-imsemmija laqgħa tat-22 t' April 2013, l-attur ikkontenda ma' Johann Camilleri li kien xtara dan il-madum għaliex is-*salesgirls* tiegħu kienu aċċertaw li l-maduma hija *highly polished*. In kontro-eżami Johann Camilleri xehed li l-ewwel darba li żaru s-*showroom* kienet qdiethom is-*salesgirl* u ma jafx x' kienu talbuha, iżda meta sussegwentement iltaqa' magħhom dejjem tkellmu fuq il-madum '*Travertino Lappato*' li tiegħu ingħataw *sample;*

- jirriżulta li f'kull każ, waqt l-imsemmi inkontru, Johann Camilleri ikkommetta ruħu li jibgħat krejn sabiex jerġa' jieħu lura l-madum u jagħti l-flus lura lill-attur. Dan ġie kkonfermat minn diversi xhieda li kienu preżenti kif ukoll minn Johann Camilleri stess. Madanakollu, sussegwentement infurmaħ li ma kienx se jieħu l-madum lura;

- fl-affidavit tiegħu Johann Camilleri xehed:

> '*Peress li aħna kumpannija serja u nibżgħu ħafna għall-klijenti tagħna aċċettajt illi nieħu lura l-madum li kien għadu bis-siġill anké meta kont naf illi l-madum kien ta' prima kwalità u t-tort ma kienx tagħnaimma ta' min waħħal il-madum. Fil-fatt kont ċert mija fil-mija illi ma kellna ebda tort u li l-madum kien tajjeb u mhux difettuż. Għalhekk kontra qalbi aċċettajt li nieħu kollox lura bil-krejn. Peró, ġimgħa wara, kien ġie Joseph Farrugia ix-showroom fejn dan qalilna li ħuħ Darren mhux se jħallas kif kien miftiehem meta jien aċċettajt li nieħu il-madum ta' Joseph u missieru lura peress li tagħhom ma kien għadu ma twaħħalx.*'

- in kontro-eżami Johann Camilleri żied jgħid:

> '*Nikkonferma li jien kont għidt lis-sinjuri Farrugia li l-madum kont se nieħdu lura. Dakinhar stess filgħaxija kien ġie ix-xowroom Josef Farrugia u kien tani x' nifhem li Darren Farrugia ma kienx se jħallas u fil-fatt jiena ċempilt lill-istess Darren Farrugia u dan qalli li kont ser*

*nisma mingħand l-avukat tiegħu. B' hekk jien ma kontx aċċettajt li nieħu l-madum lura.'*

- kien għalhekk li ġew intavolati l-proċeuri odjerni li permezz tagħhom l-attur jallega li l-madum huwa difettuż. Fl-avviż ta' talba l-attur ddikjara li '*ladarba jiena mhux sodisfatt bil-madum minħabba d-difetti li fih, qed nitlob li Johann Camilleri jiġi jieħu lura l-madum u jiena ningħata lura d-depożitu li jammonta għal €1,077 kif kont imwiegħed minnu stess.'*

- filwaqt li fl-att promutur l-lanjanza tal-attur kienet tirreferi għall-fatt li l-wiċċ tal-madum kien immewweġ, fix-xhieda tiegħu allega li l-madum innifsu huwa mgħawweġ huwa mgħawweġ u mhux il-wiċċ. Żied jgħid ukoll li l-madum ma kienx dak mitlub u li l-madum konsenjat lill-attur għadu fil-kaxxa;

- in sostenn ta' din l-allegazzjoni, l-appellat preżenta rapport tal-perit David Psaila datat 17 ta' Mejju 2013 li kkonferma li:

  *'on inspection of the various tiles, one would notice that the majority of the tile surfaces were warped, not having a smooth surface as can be seen from photo number 01. This resulted that the final flooring result was uneven. In addition, when one looked at the reflection in the laid floor tiles, these showed a distorted reflection ...*

  *An inspection of the tiles was made by placing two tiles face against each other and a gap was visibile between the two tiles, indicating that these tiles were not evenly straight. Also, when a water level was placed on these tiles, this showed that the tile was uneven both along the edges and diagonally."*

- in kontro-eżami l-perit David Psaila tenna li '*bħala maduma l-wiċċ tagħha ma kienx livell imma kien warped*';

- l-imsemmi rapport ġie kkritikat mill-perit Darren Sciberras ingaġġat mill-konvenuta. Permezz ta' rapport mħejji fit-8 t' Awissu 2013, il-perit Sciberras spjega li l-analiżi mħejjija mill-perit Psaila mhijiex attendibbli. Jgħid li l-perit Psaila uża żewġ metodi sabiex jivverifika l-madum kienx difettuż, ossia: (i) qiegħed żewġ madumiet wiċċ imbwiċċ; u (ii) b' invell iżda: l-aħħar metodu ma jista' jwassal għal ebda riżultat dwar il-maduma per se ladarba l-madum kien imqiegħed (minn terz) u kwalsiasi difett fit-tqegħid tal-madum jikkomprometti r-riżultat; u l-ewwel metodu ta' verifika mhuwiex attendibbli in kwantu '*Planitary and surface consistency tolerances of tiles are mainly regulated by standards like MSA EN ISO 10545-2 and testing of such variables have*

*to be strictly carried out as per such standards ... by a professional and independent laboratory'.* Jgħid ukoll li huwa ngħata konferma mingħad is-soċjetà li manufattriċi li l-imsemmi madum huwa effettivament konformi mal-imsemmija *standards* u li saru d-debiti verifiki qabel l-ispedizzjoni;

- filfatt, permezz ta' ittra datata 23 ta' Lulju 2013 li ġiet annessa mar-rapport tal-perit Sciberras, is-soċjetà Ceramica Magica ikkonfermat dak mitlub mill-perit, kif ukoll, li sar kontroll mill-ġdid fuq parti mill-lott li minnu saret il-konsenja lis-soċjetà konvenuta u kien għadu fil-maħżen tagħha u rriżulta li kien '*standard production*' u '*defect free*';

- effettivament, Josef Farrugia, iben l-attur, ukoll ikkuntattja l-manifattur tal-madum direttament. Fit-23 ta' Mejju 2013, dan wieġbu kif ġej:

> *'... Lei parla nella sua lettera più volte di "scarsa qualità", ma devo dissentire per i seguenti motivi: Le nostre tecnologie ci permettono di imitare fedelmente la pietra naturale, e la struttura irregolare é una di queste caratteristiche (mi creda, spenderemmo molto meno a fare una unica struttura piatta ma avremmo un risultato molto più plastico e meno naturale). In più il materiale da lei scelto é con finitura lappata, di cui sotto trova la spiegazione tecnica in inglese, volta a rendere ancora più irregolare e naturale con un gioco di lucido opaco la superfice del prodotto che sembra cosi "usurata dal tempo".*
>
> *Lappato/Semi-polished:*
> *glazed porcelain stoneware lapping: this is a special process which gives the product surface the appreaance of time-worn stone. This is a purely mechanical process carried out on the natural product (after firing) and affects the surface of the glaze, making it shiny and soft to the touch.*
>
> *Produciamo secondo standard molto severi, ma nonostante ciò alle volte può capitare di sbagliare, nonostante il doppio controllo di qualità a cui è soggetto il materiale, ma questo non è il caso. Abbiamo infatti operato un altro controllo sul batch che le è stato inviato di cui abbiamo ancora stock ed è risultato conforme ad ogni standard di regolarità, non solo delle norme europee.*
>
> *Siamo molto dispiacuti che non sia soddisfatto del materiale, ma come azienda le possiamo assicurare che tale materiale è produzione senza alcun difetto.'*

- is-soċjetà konvenuta tisħaq għalhekk li l-madum huwa *first choice*, mingħajr ebda difett u preċiżament bħas-*sample* li kien fil-pussess ta' Josef Farrugia għal 5 xhur;

- għalkemm il-perit Carmel Cacopardo, maħtur mit-Tribunal, ma rrelatax b' mod konklussiv dwar il-kwalità tal-madum, ikkonferma '*huwa ċar li l-madum ma tqiegħedx sewwa'.* Tal-istess fehma kien Vasil Jikurashvili, it-*tile layer* li jaħdem mas-soċjetà konvenuta;

- da parti tagħha, il-perit Elena Borg Costanzi, maħtura minn din il-Qorti, kkonfermat li sar aċċess fil-fond in kwisjoni u ħadet tlett kaxxi magħluqin madum sabiex isiru d-debiti testijiet tekniċi mill-kumpannija *Solidbase* bl-għan li jiġi determinat jekk il-madum jeċċedix il-limiti ta' tolleranza ta' *curvature* u *warpage* stabbiliti f'kodiċi Ewropew illi fuqu jiġu bbażati diversi tipi ta' madum, inkluż il-madum in kwistjoni*.* Il-perit tekniku kkonkludiet li l-madum in kwisjtoni huwa:

    - ***rectified*** li tfisser li c-*chamfer* huwa kważi insinifikanti b' dan illi jrid jitpoġġa b' mod li jkun hemm l-inqas wisa' ta' *grouting* possibbli bejn maduma u oħra. <u>Jekk dan il-madum jiġi mqiegħed bħal li kieku kien madum normali jiġifieri mhux *rectified*, ir-riżultat ma jistax ikun tajjeb</u>;
    - ***lappato***, ossija, l-wiċċ m' huwiex kompletament lixx iżda kemmxejn immewweġ biex jagħti dehra naturali u simili għal *travertine;*

- il-perit Borg Constanzi kkonfermat li skont ir-riżultanzi tar-rapport tekniku mħejji mill-kumpannija Solidbase, minn kampjun ta' għaxar madumiet irriżulta kollu '*within the 0.5% tolerances specified by EN14411 for side/centre curvatures and warpage'* li fl-opinjoni tagħha juri b' mod ċar li **<u>l-madum in kwistjoni ma kellu l-ebda difett</u>**.

10. Isegwi għalhekk li filwaqt li huwa minnu li l-wiċċ tal-madum ma kienx lixx anzi mmewweġ, irriżulta lil' hinn minn kull dubju li din kienet karatteristika ta' din il-maduma partikolari u mhux konsegwenza ta' xi difett.

11. Fl-affidavit tiegħu l-attur mar oltrè u qal li d-difett kien li l-madum innifsu kien mgħawweġ mhux biss il-wiċċ. Din l-allegazzjoni ma treġix in kwantu:

    a. mir-rapport tal-perit Elena Borg Costanzi irriżulta li dan ma kienx minnu;
    b. filwaqt li l-perit Borg Constanzi in eskussjoni kkonfermat li ż-żewġ madumiet li ntweriet meta sar l-aċċess kienu waħda mgħawwġa u l-oħra kkuplata, ma kinitx f'posizzjoni li tikkonferma li kienu tal-istess *batch* billi ma kinux ġo kaxxa siġillata; u

c. f'kull każ huwa għal kollox inverosimili li l-madum kien mgħawweġ u t-*tile layer* tal-attur, b'snin ta' esperjenza ma ndunax immedjatament iżda rravviża difett biss wara li qiegħed il-madum tal-appartament tal-ewwel sular kollu. Il-fatt li: (i) il-perit Borg Costanzi spjegat li l-madum in kwistjoni kien *rectified* u allura ried jitqiegħed bl-anqas wisa' ta' *grouting* possibbli bejn maduma u oħra; (ii) it-*tile layer* induna li x-xogħol ma ġiex sew biss meta beda jħalleb bil-*grouting* jidika li huwa ferm aktar probabbli li l-problema kienet fit-tqegħid tal-madum in kwistjoni. Il-Perit Cacopardo ukoll rrelata li '*huwa ċar li l-madum ma tqiegħedx sewwa.'*.

12. Din il-Qorti hija għalhekk sodisfatta li kull allegazzjoni attriċi li l-madum lilha konsenjat kien difettuż hija infondata.

13. Fin-nota ta' sottomissjonijiet li ppreżenta fit-Tribunal, l-attur beda biex jargumenta li *'ngħataw madum li ma kienx skont il-karatteristiċi li huma talbu'.* Pero' l-azzjoni tal-attur bażata fuq l-allegat difett fil-madum u mhux li l-madum li ġie kkonsenjat ma kienx tal-kwalita pattwita. Fil-fatt mal-avviż tat-talba ppreżenta wkoll rapport tal-perit David Psaila li minnu hu evidenti li fil-fehma tiegħu l-madum kien difettuż, tant li qal li huma *warped* u l-wiċċ mhuwiex lixx. M'għandux ikun li raġunijiet ġodda jingħataw fl-istadju ta' nota ta' sottomissjonijiet, meta allura l-istadju tal-provi jkun ingħalaq.

14. Raġuni oħra għalfejn l-attur talab il-ħlas lura tas-somma ta' €1,077 hi minħabba li l-konvenuta obbligat ruħha li tieħu lura l-madum u tħallas il-flus lura (ara avviż tat-talba). Mill-provi hu evidenti li Johann Camilleri kien aċċetta li jieħu l-madum lura u jagħti lura lill-attur il-flus li kien ħallas sa dak iż-żmien[2], wara l-ilment li sar mill-attur; *"Nikkonferma li jiena kont għidt lis-sinjuri Farrugia li l-madum kont se nieħdu lura"*. Ladarba kien hemm ftehim li jieħu lura l-madum u jirriżulta li kien saħansitra ta d-data meta kien ser jinġabar il-madum, il-konvenut ma kellux jedd li jirtira minn dak il-ftehim. Ladarba kien sar ftehim li jieħu lura l-madum, għall-qorti hu ovvju li nħall il-bejgħ. Għalhekk kull parti kellha titpoġġa fil-posizzjoni oriġinali li kienet qabel il-bejgħ. Hu veru li Camilleri xehed, *"Josef Farrugia kien tani x'nifhem li Darren Farrugia ma kienx se jħallas u fil-fatt jiena ċempilt lill-istess Darren Farrugia u dan qalli li li kont ser nisma' mingħand l-avukat tiegħu. B'hekk jiena ma kontx aċċettajt li nieħu l-madum lura"*. Pero' n-negozju ma kienx wieħed. In-negozju li ghamel l-attur ma kellu x'jaqsam xejn man-negozju li għamel ibnu, Darren Farrugia. Tant hu hekk li l-ordni saret f'isem l-attur biss (ara dokument *Sales Deliveries* datat 9 ta' April, 2013). Il-kwistjoni li l-

[2] Ara affidavit tal-attur.

konvenut kellu ma’ Darren Farrugia ma kellha x’taqsam xejn mal-attur, u Camilleri ma setax juża dik il-kwistjoni biex jiritra mill-ftehim li kellu mal-attur li jieħu lura l-madum.

15. **<u>Konklużjoni</u>** – Il-madum li l-attur xtara mingħand il-konvenuta ma kienx difettuż. Madankollu kien hemm ftehim li l-konvenuta tieħu lura l-madum. Ftehim li ma kellhiex jedd li unilateralment tirtira minnu. Għaldaqstant, it-talba tal-attur hi ġustifikata.

**Għal dawn il-motivi tiddeċiedi l-kawża billi tilqa’ t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenuta tħallsu s-somma ta’ elf u sebgha u sebgħin ewro (€1,077), bl-imgħax mid-data tan-notifika tal-avviż tat-talba. Il-konvenuta għandha jedd li tieħu lura l-madum li l-attur xtara mingħandha, u dan għas-spejjeż tal-istess konvenuta.**

**Spejjeż a karigu tal-konvenuta, b’dan li l-ispejjeż tal-perizji li saru mill-perit Carmel Cacopardo u Elena Borg Costanzi huma a karigu tal-attur.**

Anthony Ellul.